Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8536 — Atlantia/Abertis Infraestructuras)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 308/08)

1. Fit-8 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Atlantia S.p.A. ("Atlantia", l-Italja),

— Abertis Infraestructuras SA ("Abertis", Spanja).

Atlantia takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet il-kontroll sħiħ ta' Abertis.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-15 ta' Mejju 2017.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Atlantia: kumpanija possedenti attiva l-aktar fis-settur tal-konċessjonijiet tal-ġbir ta' nollijiet f'toroq prinċipali u f'dak tal-infrastruttura tal-ajruporti,

— għal Abertis: kumpanija ewlenija ta' grupp li jopera fis-settur tat-toroq fejn jinġabru nollijiet u f'dak tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8536 — Atlantia/Abertis Infraestructuras

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").